Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,223, 2 ta' Lulju, 2019

Taqsima B

A.L. 153 tal-2019

ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI (KAP. 399)

Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34 u 47 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-Ministru responsabbli għall-komunikazzjoni wara konsultazzjoni mal-Awtorità, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2019 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjonijiet Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 399.40.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. (a) Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, it-tifsira "punt ta' aċċess ta' network" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "punt ta' aċċess tan-*network*" tfisser apparat terrestri fiss għal meded qosra f'*network* tad-*data* li jaġixxi bħala punt ta' konnessjoni għall-apparat għal meded qosra oħra fin-*network* tad-*data* għall-pjattaformi ta' servizzi li jinsabu 'l barra minn dak in-*network* tad-*data*. Il-terminu "*network* tad-*data*" tirreferi għal bosta apparat għal meded qosra, inkluż il-punt ta' aċċess tan-*network*, bħalma huma komponenti ta' *networks* u l-konnessjonijiet mingħajr fili ta' bejniethom;".

Jemenda t-Tieni Skeda tar-regolamenti prinċipali.

3. It-Tieni Skeda tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) it-tifsira "sistema ta' trasmissjoni *b'wideband data*" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

" "sistema ta' trasmissjoni *b'wideband data*" tfisser apparat ta' radjokomunikazzjoni li juża tekniki ta' modulazzjoni *wideband* biex jaċċessa l-ispettru, inklużi sistemi ta' aċċess mingħajr fili bħalma huma *local area networks* tar-radju u apparat *wideband* ta' medda qasira f'*networks* tad-*data*;"; u

(b) fl-Anness tagħha, minnufih wara t-tabella eżistenti fir-rigward tal-banda ta' frekwenza "863-868 MHz", għandha tiżdied it-tabella ġdida li ġejja:
"

Banda ta' frekwenza	**Limitu ta' qawwa ta' trasmissjoni/ limitu ta' densità ta' qawwa**	**Parametri addizzjonali**	**Restrizzjonijiet oħra dwar l-użu**
917.4-919.4 MHz	25 mW e.r.p	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni tal-interferenzi li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Jekk it-tekniki rilevanti jiġu deskritti fi standards armonizzati jew f'partijiet minnhom adottati skont id-Direttiva 2014/53 UE, għandha tiġi żgurata għall-inqas prestazzjoni ekwivalenti għal dawn it-tekniki. Il-wisa' tal-banda: ≤ 1 MHz *Duty cycle*: ≤ 10 % għall-punti ta' aċċess tan-*network.* *Duty cycle*: ≤ 2.8 % f'każijiet oħra.	Dan is-sett ta' kondizzjonijiet għall-użu hu disponibbli biss għall-apparat ta' meded qosra (SRD) f'*networks* tad-*data*. Kull apparat fi ħdan in-*network* tad-*data* għandu jkun fil-kontroll ta' punti ta' aċċess tan-*network*.

".

Jemenda r-Raba' Skeda tar-regolamenti prinċipali.

5. Fl-Anness tar-Raba' Skeda tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara t-tabella eżistenti, fir-rigward tal-banda ta' frekwenza "869.7-870 MHz", għandha tiżdied it-tabella ġdida li ġejja:

"

Banda ta' frekwenza	**Limitu ta' qawwa ta' trasmissjoni/ limitu ta' densità ta' qawwa**	**Parametri addizzjonali**	**Parametri oħra dwar l-użu**
874-874.4 MHz	500 mW e.r.p. Ikun meħtieġ *Adaptive Power Control* (APC), alternattivament tekniki ta' mitigazzjoni oħra li mill-inqas ikollhom livell ekwivalenti ta' kompatibilità tal-ispettru.	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni tal-interferenzi li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Jekk it-tekniki rilevanti jiġu deskritti fi *standards* armonizzati jew f'partijiet minnhom adottati skont id-Direttiva 2014/53 UE, għandha tiġi żgurata mill-inqas prestazzjoni ekwivalenti għal dawn it-tekniki. Il-wisa' tal-banda: ≤ 200 kHz *Duty cycle*: ≤ 10 % għal punti ta' aċċess tan-*network.* *Duty cycle*: 2.5 % f'każijiet oħra.	Dan is-sett ta' kondizzjonijiet għall-użu hu disponibbli biss għan-*networks* tad-data. Kull apparat fi ħdan in-*network* tad-*data* għandu jkun fil-kontroll ta' punti tal-aċċess tan-*network.*
917.3-918.9 MHz	500 mW e.r.p. It-trażmissjonijiet huma permessi biss fil-medda ta' frekwenzi ta' 917.3-917.7 MHz, 918.5-918.9 MHz Ikun meħtieġ *Adaptive Power Control* (APC), alternattivament tekniki ta' mitigazzjoni oħra li mill-inqas ikollhom livell ekwivalenti ta' kompatibilità tal-ispettru.	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni tal-interferenzi li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Jekk it-tekniki rilevanti jiġu deskritti fi *standards* armonizzati jew f'partijiet minnhom adottati skont id-Direttiva 2014/53 UE, għandha tiġi żgurata mill-inqas prestazzjoni ekwivalenti għal dawn it-tekniki. Il-wisa' tal-banda: ≤ 200 kHz *Duty cycle*: ≤ 10 % għal punti ta' aċċess tan-*network.* *Duty cycle*: ≤ 2.5 % f'każijiet oħra.	Dan is-sett ta' kondizzjonijiet għall-użu hu disponibbli biss għan-*networks* tad-*data*. Kull apparat fi ħdan in-*network* tad-*data* għandu jkun fil-kontroll tal-punti ta' aċċess tan-*network*.

917.4-919.4 MHz	25 mW e.r.p.	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni tal-interferenzi li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Jekk it-tekniċi rilevanti jiġu deskritti fi *standards* armonizzati jew f'partijiet minnhom adottati skont id-Direttiva 2014/53 UE, għandha tiġi żgurata mill-inqas prestazzjoni ekwivalenti għal dawn it-tekniki. Il-wisa' tal-banda: ≤ 600 kHz *Duty cycle*: ≤ 1 %	Dan is-sett ta' kondizzjonijiet għall-użu hu disponibbli biss għall-apparat għal meded qosra f'*networks* tad-*data*. Kull apparat fi ħdan in-*network* tad-*data* għandu jkun fil-kontroll tal-punti ta' aċċess tan-*network*.

".

Jemenda t-Tnax-il Skeda tar-regolamenti prinċipali.

5. Fl-Anness tat-Tnax-il Skeda tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara t-tabella eżistenti, fir-rigward tal-banda ta' frekwenza "865-868 MHz", għandha tiżdied it-tabella ġdida li ġejja:

"

Banda ta' frekwenza	**Limitu ta' qawwa ta' trasmissjoni/ limitu ta' densità ta' qawwa**	**Parametri addizzjonali**	**Parametri oħra dwar l-użu**
916.1-918.9 MHz	It-trażmissjonijiet tal-interrogatur b'potenza ta' 4 W e.r.p. huma permessi biss fil-frekwenzi ċentrali 916.3 MHz, 917.5 MHz, 918.7 MHz	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni tal-interferenzi li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Jekk it-tekniki rilevanti jiġu deskritti fi *standards* armonizzati jew f'partijiet minnhom adottati skont id-Direttiva 2014/53 UE, għandha tiġi żgurata mill-inqas prestazzjoni ekwivalenti għal dawn it-tekniki. Il-wisa' tal-banda: ≤ 400 kHz	

".